# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 15 ta' Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Robert Farrugia**

**Kumpilazzjoni Nru: 1284/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Robert Farrugia detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 159170(M).

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-13:30hrs gewwa c-Cirkewwa, limiti ta' Mellieha:-

1. Ikkommetta serq ta' arlogg u ta' hmistax il-Ewro fi flus kontanti li kienu jinsabu gewwa vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HAU-142 ghad-detriment ta' Daniel Albert Edward Jones u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-ammont ta' €2329.37), u bix-xorti tal-haga misruqa.

2. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn vettura, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi fetah u fittex gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni JQZ 454, u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu u li kieku sehh kien jikkwalifika bil-mezz , bix-xorti tal-haga misruqa.

3. Wara li gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, gie misjub fil-pussess ta' flus jew ta' oggetti ohra li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ta kif kienu gew legittimament ghandu jew instabu ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi u zewg turnaviti, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nsabu ghandu f'dak iz-zmien.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma' Robert Farrugia bhala recediv ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkunsidra wkoll il-fatt li dan ir-reat sar waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn li kienet inghatat lilu lill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar is-06 ta' Settembru 2014.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura soammarja u li l-imputat ma kellux ogezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ratl-atti processwali

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz ta' serq a dannu ta' Daniel Albert Jones, li sehh nhar il-22 ta' Dicembru 2014 fic-Cirkewwa u attentat ta' serq minn vetturi ohra dak in-nhar stess.

Illi l-imsemmi Daniel Jones xehed quddiem din il-Qorti[1]. Huwa jirrakkonta li fil-gurnata imsemmija, kien ha numru ta' persuni jghoddsu hdejn ic-Cirkewwa. Hu u dawn in-nies kellhom l-effetti personali taghhom imsakkra fil-vettura (Toyota double cab) li kienu pparkjaw hemmhekk stess. Meta telghu mill-bahar u resqu lejn il-karozza ra li kien hemm pulizija u nies migbura. Il-pulizija infurmawh li seta' sar sgass fil-vettura u talbuh jivverifika hekk kellhomx xi affarijiet neqsien. Mill-verifiki rrizulta li l-arlogg tax-xhud kien nieqes, hekk kif kienu neqsin xi ammont zghir ta' flus ta' xi persuna ohra; irrizulta ukoll li tlett mobile phones li kienu thallew f'baskijiet instabu taht is-seat ta' wara. L-arlogg misruq kien diving watch tal-marka Citizen. Jones zied jghid li lill-imputat dak in-nhar ma kienx rah pero kien rah diversi drabi ohra f'positijiet fejn imorru jghoddsu z-Zurrieq u Ghar Lapsi. Mart ix-xhud, li jisimha Vanessa Attard Jones xehedt u konfermat li l-arlogg li nsteraq kienet xtratu hi u kien jiswa mija u tmenin Euro[2].

Illi tressqet bhala bhala xhud certu Megan Wickham[3]. Hija tirrakkonta li fil-gurnata in ezami kienet ma' missierha li mar joghdos ic-Cirkewwa; hija baqghet wahedha fil-karozza taghhom waqt li hu kien qed joghdos. Kompliet tispjega li pparkjata hdejn il-vettura ta' missierha kien hemm “diving van” li kienet ta' persuna habib ta' missierha. F'xi hin rat ragel javvicina din il-van min-naha ta' wara fejn ikun hemm ir-rota jew it-tank tal-petrol u jiftah il-boot u jqaleb fil-basktijiet; fil-fehma taghha dan ir-ragel kien suspettuz u ratu jmur fuq vetturi ohrajn. Tghid li eventwalment meta rritorna missierha, tfaccaw il-pulizija ukoll; hi indikatilhom il-persuna li kienet rat. Taf ukoll li meta l-persuni li kienu hallew l-affarijiet f'dik il-diving van irritornaw ghamlu il-verifiki taghhom u sabu xi affarijiet neqsin.

Illi xehedu ukoll uhud mill-pulizija nvoluti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz. PC438 Andre Spiteri u PC893 Mark Galea[4] qalu li huma kienu fuq ir-ronda f'dawk l-inhawi meta gew infurmati mill-Control Room li s-Supretendent Antonello Grech kien intercetta lil xi hadd jisraq minn vetturi fil-parkegg tac-Cirkewwa ghalhekk huma marru fuq il-post; hdejn il-vetturi ma raw lil hadd. Marru l-ghassa tac-Cirkewwa u hemm sabu li kien lahaq gie arrestat l-imputat; is-Supretendent Grech kien qieghed hemm ukoll. Iz-zewg kuntistabbli fil-fatt akkompanjaw lis-Supretendent u lill-imputat biex issir

---

[1] Depozizzjoni a fol 44 et seq.
[2] Depozizzjoni a fol 47 et seq.
[3] Depozizzjoni a fol 72 et seq.
[4] It-tnejn stazzjonati l-RIU, depozizzjoni a fol 51 u 54 rispettivament.

tfixxija fil-vettura ta'l-imputat; fil-bagoll sabu turnavit, tool knife u swiss knife.

Illi aktar minn hekk l-ufficjal prosekutur spjega fid-depozizzjoni tieghu[5] li wara r-rapport inizjali dwar suspett ta' serq[6] gie arrestat l-imputat meta dan gie osservat hdejn fil-parkegg mill-pulizija li l-ewwel marru fuq il-post. Saret tfixxija fuq l-imputat u instabu arlogg Citizen, arlogg Luminex u turnavit; l-ufficjal prosekutur ikkonferma li meta saret tfixxija fil-vettura ta'l-imputat insabu l-oggetti fuq imsemmija. Huwa prezenta l-okkorrenza relattiv ghal dan l-incident[7]; minnha jirrizulta li l-propjetarji tal-vetturi bin-numri CBJ 036 u JQZ454[8] gew mitluba jivverifikaw jekk sabux xi haga nieqsa mil-vetturi taghhom; il-propjetarju tal-vettura JQZ454 qallhom li huwa kien sakkarha il-vettura tieghu pero meta iccekja sabha miftuha pero ma sab xejn nieqes.

Illi l-uffijcal prosekutur esebixxa ukoll zewg sentenzi: wahda datata 6 ta' Mejju 2003[9] li permezz taghha l-imputat wara li nstab hati ta' ricettazzjoni tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin; u l-ohra datata 6 ta' Settembru 2014 li permezz taghha wara li nstab hati ta' diversi reati inghata sentenza ta' sitt xhur prigunerija sospiezi ghal sentejn.

Illi l-imputat ma xehedx pero esebieta in atti hemm l-istqarrija li kien irrilaxxja meta kien qed jigi investigat dan il-kaz[10]. Fiha huwa jammetti li meta kien qieghed ic-Cirkewwa fil-gurnata in ezami ra zewg vetturi li deheru li kienu miftuhin; dawn kienu van u karozza zghira bajda. Fetahom it-tnejn pero mill-karozza il-bajda ma' ha xejn u mill-van jghid li ha arlogg.

Illi l-imputat ressaq bhala xhieda l-probation officer Marilyn Attard[11] u Sabrina Xuereb mill-agenzija Oasi[12]. Mid-depozizzjoni taghhom jirrizulta li l-imputat volontarjament beda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga ma'l-agenzija Oasi; dan il-programm qed isegwih b'success u jidher li f'dawn l-ahhar xhur saru kamjamenti pozittivi f'hajjet l-imputat.

---

[5] A fol 37 et seq.
[6] Dan ir-rapport sar minn zewg kaptani tal-Gozo Channel
[7] Ref Dok SB3 a fol 7 et seq; jigi rilevat li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-konferma b'gurament ta' dan id-dokument mill-ufficjal li rredigih (ref verbal a fol 32).
[8] Il-vetturi indikati lil-pulizija minn Megan Wickham bhala vetturi li hdejhom ukoll rat ill-imputat.
[9] Dok SB10 a fol 85
[10] Dok SB5 a fol 15
[11] Deppozizzjoni a fol 98 et seq
[12] Depozizzjoni a fol 100 etseq.

Illi l-imputat bhala parti mill-provi tieghu prezenta ukoll kopja ta' sentenza mghotija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali datata 19 ta' Novembru 2015[13] mghotija wara appell mis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2014 fuq imsemmija.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra imputat hija dik ta' serq, aggravat bil-valur u bix-xorti tal-haga, mill-vettura HAU 142.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li kien l-imputat li seraq l-arlogg propjeta ta' Daniel Jones u l-hmistax il-Euro. Fil-verita l-dan il-fatt gie ammess mill-imputat mhux biss f'l-istqarrija[14] u anke fil-kors tas-sottomissjonijiet verbali maghmula mill-abbli difensur ta'l-imputat.

Illi s-serq sar minn vettura ghalhekk fit-termini ta'l-artikolu 271(g) tal-Kapitolu 9 huwa aggravat bix-xorta tal-haga. Skond dak li xehdet Vanessa Attard Jones il-valur ta' l-arolgg kien ta' mija u tmenin Euro meta nxtara; minbarra l-arlogg l-imputat ha ukoll hmistax il-Euro. Biex jissussisti l-aggravju tal-valur mar-reat ta' serq l-oggetti misruqa jridu jeccedu l-valur ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94). Ghahekk fil-waqt li l-imputat ghandu jinstab hati ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal serq aggravat bix-xorta tal-haga ma jistax jinstab hati ta'l-aggravju dwar valur.

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik dwar attentat ta' serq mill-vettura b'numru ta' registrazzjoni JQZ454 liema serq kieku ezegwiet kien ikun aggravat bil-mezz u x-xorta tal-haga. Anke din l-imputazzjoni giet ammessa mill-imputat kemm f'l-istqarrija minnu rilaxxjata kif ukoll waqt is-sottomissjonijiet. Fil-verita din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata kif dedotta mill-provi l-ohra prodotti indipendentement mill-ammisjoni ta'l-imputat.

Illi t-tielet imputazzjoni hija dik dwar pussess mhux gustifikat ta' mfietah wara **kundanna** ghal serq jew ricettazzjoni. Mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta li fis-6 ta' Mejju 2003 l-imputat kien instab hati ta' ricettazzjoni huwa; ghal dan ir-reat huwa ma giex ikkundannat imma tpogga taht ordni ta' probation. Huwa minnu li fil-mument tas-serq li tieghu qed

[13] Dok RM1 a fol 88.
[14] Almenu fir-rigward ta'l-arlogg.

jinstab hati permezz ta' din l-odjerna sentenza l-imputat kellu fuq il-persuna tieghu turnavit u fil-vettura tieghu swiss knife, tool knife u turnavit iehor u naqas li jaghti kont sodisfacjenti ghal liema skop legittimu kienu qeghdin ghandu, pero la darba mill-atti ma jirrizultax li huwa qatt gie ikkundannat ghar-reat ta' serq jew ricettazzjoni[15] l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din it-tielet imputazzjoni

Illi r-raba imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva. Kif diga ntqal mill-provi jirrizulta li fis-sena 2003 l-imputat kien instab hati ta' ricettazzjoni pero ghal dan ir-reat tpogga taht ordni ta' probation, li m'ghandhiex titqies bhala kundanna. Is-sentenza mghotija fis-6 ta' Settembru 2014 giet appellata u deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015, ghalhekk wara li sehhew il-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni. F'dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jitqies bhala recidiv ghalhekk ghandu jigi liberat mill-imputazzjoni issa in ezami.

Ili l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija bazata fuq l-allegazzjoni li r-reati odjerni gew kommessi fil-perjodu operativ ta sentenza sospieza; fic-citazzjoni hemm referenza partikolari ghas-sentenza fuq imsemmmija u mghotija fis-6 ta' Settembru 2014. Kif diga ntqal din is-sentenza giet appellata u deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2015 meta saret ezekuttiva. Dan ifisser li meta sehhew il-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni s-sentena li fuqha hija bazata din l-ahhar imputazjoni kienet ghad mhux ezekuttiva; ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-arolgg misruq gie ritornat lil sidu, u l-fatt li f'dawn l-ahhar xhur l-imputat beda u qed isegwi b'success programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 261(g), 271(g), 41(1)(a), 261(b)(g), 263, 264 u 271(g) issibu hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni qed jinstab hati ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga biss u mhux b'l-aggravju tal-valur minn liema aggravju qed jigi liberat, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7

[15] Huwa ben stabbilit fil-gurosprudenza li probation mhiex kundanna.

tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta'probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegta lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-ufficjal tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**